MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2011

Avviz Numru. 108/2008

**Hal-Warda Estates Limited**

**vs**

**Christopher Drago**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta` r-rikorrent ghall-hlas ta' somma ta' sitt elef, erba' mija u sebghin Euro u sebgha u tmenin centezmu ta' Euro, (€6,470.87), jew l-ekwivalenti f'Liri Maltin elfejn, seba' mija u sebgha u sebghin Lira u ghoxrin centezmu, (LM2,777.20), li jinkludu fihom mija u disa' Euro u sebgha u disghin centezmu ta' Euro (€109.97), spejjez legali inkorsi, li jirrapprezentaw bilanc tal-kirjiet tal-fond *store* numru 17, maghruf bhala Tony Store fi Triq Ganu, Birkirkara, Malta liema lokazzjoni llum giet itterminata. Illi**

**minkejja diversi interpellazzjonijiet ghall-hlas inkluz ittra ufficcjali datata 4 ta' Frar tas-sena 2008, l-intimat baqa' inadempjenti;**

**Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittri nterpellatorji tal-4 ta' Frar tas-sena 2008 ai termini tal-artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll il-mandat ta' sekwestru tal-istess data bin-numru 360/2008. Bl-imghax dekorribbli mid-data ta' l-ewwel fattura kontra l-intimat minn issa ngunt ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta` rikorrent sabiex l-inimat iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment l-intimat naqas u ma deherx, la fit-18 ta' Jannar tas-sena 2011 meta gew pprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta` rikorrenti u tikkundanna lill-intimat ihallas is-somma ta' sitt elef, erba' mija u sebghin Euro u sebgha u tmenin centezmu ta' Euro, (€6,470.87) lis-socjeta` rikorrenti Hal-Warda Estates Limited;**

**Bl-ispejjez kif dedotti kontra l-intimat Christopher Drago.**

**Marisa Borg**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------